



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10018/1/24  
REV 1  
PV CONS 22  
EDUC 177  
JEUN 114  
CULT 51  
AUDIO 63  
SPORT 53

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)  
13 u 14 ta' Mejju 2024

## LAQGHATAT-TNEJN 13 TA' MEJJU 2024

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9414/24.

### 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

#### (a) Lista mhux leġislattiva

9434/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dawn il-punti tinsab fl-Addendum.

#### (b) Lista leġislattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9435/24

## Ambjent

### 1. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 dwar l-istandards ta' prestazzjoni fir-rigward tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy duty



9388/2/24 REV 2  
+ADD 1 REV 1  
PE-CONS 29/24  
CLIMA

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-08.05.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Italja, il-Polonja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u ċ-Ċekja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

## Agrikoltura

### 2. **Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-PAK fir-rigward tal-istandards tal-KAAT u aspetti oħra relatati mas-simplifikazzjoni**



9363/1/24 REV 1  
+ REV 1 ADD 1  
PE-CONS 75/24  
AGRI

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

*Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimġat previst*

*fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti*

*nazzjonali fl-UE*

approvat mill-KSA fit-08.05.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Ġermanja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Il-Kunsill qabel ukoll dwar id-deroga mill-perjodu ta' tmien ġimġat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

## Affarijiet Barranin

### 3. **Tiġdid tar-Regolament dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova**



8831/24  
PE-CONS 60/24  
+ COR 1  
POLCOM

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-08.05.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

4. **Tiġdid tar-Regolament dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna**  8965/1/24 REV 1  
*Adozzjoni tal-att leġislativ* + ADD 1-2  
PE-CONS 59/24  
POLCOM  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-08.05.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija jivvutaw kontra u l-Bulgarija tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

### **Attivitajiet mhux leġislativi**

#### **ŻGĦAŻAGĦ**

3. Konklużjonijiet dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 8048/24  
2022  
*Approvazzjoni*
4. Konklużjonijiet dwar l-aġendi politiċi Ewropej u internazzjonali 7368/24  
fil-qasam tat-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal + ADD 1-2  
*Approvazzjoni*
5. Riżoluzzjoni dwar il-politika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh 7370/24  
f'Ewropa li tawtonomizzahom  
*Approvazzjoni*
6. Konklużjonijiet dwar soċjetajiet inklużivi għaż-żgħażaġh 8673/24  
*Approvazzjoni* + ADD 1
7. **Segwitu għar-riżultati tal-Konferenza tal-Unjoni Ewropea**  8671/24  
**dwar iż-Żgħażaġħ, li saret mit-2 sal-5 ta' Marzu 2024**  
**f'Ghent**  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. Id-delegazzjonijiet qablu dwar l-importanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u appellaw għal monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-eżiti tal-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.

## EDUCATION

8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Ewropa Attiva" – Opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment u t-taħriġ għal kulħadd (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikoli 165 u 166 TFUE)  
*Adozzjoni* ☐(\*) 8731/24  
+ ADD 1
9. Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni ta' politiki u prattiki mnebbħa minn evidenza fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex tinkiseb iż-żona Ewropea tal-edukazzjoni  
*Approvazzjoni* 8847/24
10. **L-Intelliġenza Artifiċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ: nghaqqu flimkien l-innovazzjoni teknoloġika ma' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd**  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni* ☐ 8996/24

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tan-nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza. Kien hemm skambju ta' fehmiet dwar kif is-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jitħejjew għall-isfidi li ġabet magħha l-intelliġenza artifiċjali, waqt li jibbenefikaw kemm jistgħu mill-opportunitajiet li toffri, u dwar l-impatt potenzjali li l-intelliġenza artifiċjali jista' diġà għandha fuq dawn is-sistemi, u l-miżuri li jistgħu jittieħdu fil-livell Ewropew, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, biex l-edukazzjoni u t-taħriġ jibbenefikaw kemm jista' jkun mill-intelliġenza artifiċjali, waqt li tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.

## Affarijiet oħra

### Żgħażaġħ

11. a) **Appoġġ għaż-żgħażaġh Ukreni<sup>1</sup>** [2] 9745/24  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Riżultati tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali  
waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ<sup>2</sup>** [2]  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

### Edukazzjoni

- d) **A Lawrja Ewropea** [2] 9246/24  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- e) **Il-promozzjoni ta' kultura tal-istat tad-dritt permezz  
tal-edukazzjoni** [2] 9232/24  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

---

<sup>1</sup> Bil-parteċipazzjoni tal-Aġent Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna u l-Viċi Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna.

<sup>2</sup> Bl-attenzenza tal-koordinatur tal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Belġju u l-President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

## LAQGH TAT-TLIETA 14 TA' MEJJU 2024

### Attivitajiet mhux leġislattivi

#### KULTURA, POLITIKA AWDJOVIŻIVA U MEDIA

- |     |                                                                                                                                                           |                                                                                                     |
|-----|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 12. | Konklużjonijiet dwar l-appoġġ għall-influwenzaturi bħala kreaturi ta' kontenut online<br><i>Approvazzjoni</i>                                             | 8641/24                                                                                             |
| 13. | Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-iżvilupp tal-udjenza mmexxi mid-data<br><i>Approvazzjoni</i>                 | 8642/24                                                                                             |
| 14. | <b>It-tħejjija għall-futur tas-setturi kulturali u kreattivi għall-era tal-intelliġenza artifiċjali<sup>3</sup></b><br><i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> |  8643/24 + COR 1 |

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tan-nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza u preżentazzjoni mill-mistieden estern, Marnix Verduyn, kartunista b'għarfien espert fl-intelliġenza artifiċjali (IA). Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-appoġġ tal-Istati Membri għas-setturi kulturali u kreattivi bl-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tal-IA, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-kollaborazzjoni transsettorjali, u dwar kif il-politika tal-UE (inkluż il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023–2026) u l-programmi tal-UE jistgħu jissodisfaw il-ħtieġa tas-setturi kulturali u kreattivi sabiex dawn jaħtfu l-potenzjal tal-IA.

---

<sup>3</sup> Fil-preżenza ta' Marnix Verduyn, awtur ta' kotba tal-komiks, inġinier u akkademiku fl-Università ta' Leuven (KU Leuven).

## SPORT

15. Rizzoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024–31 ta' Diċembru 2027)  
*Approvazzjoni* 9000/24
16. Konklużjonijiet dwar il-kontribut ta' prattiki sportivi awtoorganizzati għall-appoġġ ta' stili ta' ħajja attivi u tajbin għas-saħħa fl-Unjoni Ewropea  
*Approvazzjoni* 8987/24  
+ ADD 1
17. **Ir-rwol tal-voluntieri fl-isport Ewropew**  8960/24  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tal-voluntiera għall-isport u ppreżentaw il-miżuri tagħhom biex jinkoraġġixxu u jsaħħu l-pożizzjoni tal-volontarjat fil-qasam tal-isport. Huma indikaw ukoll xi ostakli li jipprevjenu lin-nies milli jagħmlu volontarjat fl-isport.

## Affarijiet oħra

### Kultura, politika awdjoviżiva u media

18. a) **L-Għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2028, Bourges**  8822/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża*
- b) **Konferenza dwar il-Konvenzjoni ta' The Hague għall-Ħarsien tal-Beni Kulturali f'Każ ta' Konflitt Armat (The Hague, Netherlands, 13-15 ta' Mejju 2024)**  9192/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands.



- c) **Konferenza internazzjonali “Lejn l-irkupru tas-Settur Kulturali Ukren” (Vilnius, Litwanja, 6-7 ta’ Ġunju 2024)**  9193/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja.

- d) **Il-futur tal-politika kulturali tal-UE**  9463/1/24 REV 1  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja.

- e) **Applikazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE fuq il-pjattaformi ta’ streaming u video-sharing – responsabbiltà kollettiva** 9189/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana, Latvjana u dik Litwana*

- f) **Programm ta’ ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

#### Sport

- g) **Il-konsegwenzi tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja fuq is-settur sportiv Ukren<sup>4</sup>**  9392/24  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- h) **Id-dimensjoni Ewropea tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta’ Pariġi 2024**  9230/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

---

<sup>4</sup> Bil-parteċipazzjoni tal-Aġent Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna u l-Viċi Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna.

- i) **Id-dimensjoni Ewropea tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tal-2024 fil-Ġermanja** [2] 9291/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja.

- j) **L-impenn tal-Istati Membri għall-kodiċi dinji kontra d-doping** [2] 9338/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands.

- k) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

---

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(\*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 9435/24**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 1:**

**Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 dwar l-istandards ta' prestazzjoni fir-rigward tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy duty**  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"B'mod ġenerali, il-Polonja tappoġġa l-oġettivi ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni u x-xejra ġenerali li jiġu stimulat l-isforzi għal tnaqqis billi jiżdiedu l-istandards attwali jew bil-formulazzjoni ta' oħrajn ġodda.

Il-gvern Pollakk jaqbel dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mis-settur tat-trasport.

Madankollu, fil-fehma tal-Polonja, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-egżost tal-vetturi għandhom jiġwettqu b'mod bilanċjat, b'kont meħud tal-kapaċitajiet tas-suq, filwaqt li jitqiesu kemm il-kundizzjonijiet teknoloġiċi tal-manifatturi tal-vettura kif ukoll tat-tagħmir tal-vettura u d-dimensjoni ekonomika rigward il-kapaċitajiet finanzjarji tax-xerrejja u l-utenti tal-vettura u ċ-ċittadini tal-pajjiż.

Fl-istess waqt, il-Polonja tinnota li r-regoli proposti jistgħu jkunu ta' sfida u piż sinifikanti għall-manifatturi u l-awtoritajiet lokali. Għall-manifatturi ta' semitrejlers, minħabba t-teknoloġija disponibbli, jista' jkun impossibbli li jiġu implimentati r-regoli proposti.

Meta mqabbel mal-pożizzjoni adottata fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill, il-Polonja tinnota b'mod partikolari l-iżvilupp mhux favorevoli fir-rigward ta' rekwiżiti ta' tnaqqis aktar stretti għal semitrejlers u karożżi tal-linja urbani. Għaldaqstant, il-Polonja topponi l-adozzjoni tar-Regolament."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Is-Slovakkja hija konxja mill-ħtieġa tad-dekabornizzazzjoni tat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Madankollu, il-qbil finali milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar ir-Regolament propost għadu ambizzjuż wisq f'termini ta' miri u skadenzi, biex dawn jintlaħqu.

Aħna nqisu li hu importanti li niġbdu l-attenzjoni għall-punti li ġejjin, li fil-fehma tagħna, tħallew barra mill-qbil finali:

L-ewwel nett, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika ma ġiex ikkunsidrat fir-Regolament. Id-dipendenza esklużiva fuq vetturi heavy-duty li jaħdmu bl-elettriku u bl-idroġenu li mhumix disponibbli fuq skala kbira tista' tkun xafra li taqta' minn żewġ naħat minħabba tħassib leġittimu dwar jekk dawn humiex l-aktar teknoloġiji adatti. Din il-problema hija aċċentwata bin-nuqqas ta' punti tal-irriċarġjar għall-kategorija ta' vetturi heavy-duty, li tidher li hija ostaklu sinifikanti kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur qarib, u implikazzjonijiet prattiċi oħra huma diskutibbli.

It-tieni nett, il-valutazzjoni tal-miżuri appoġġati mis-Slovakkja, partikolarment il-potenzjal u r-rwol ta' fjuwils rinnovabbli newtrali f'termini tas-CO<sub>2</sub>, l-introduzzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju u l-valutazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> matul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja ta' vetturi heavy-duty ġodda fil-klawżola ta' rieżami biss, għalina tidher insuffiċjenti. Mill-perspettiva tagħna, l-indirizzar fi stadju aktar tard ta' dawn l-elementi kollha ta' hawn fuq joħloq żvantaġġ għal fjuwils alternattivi oħra b'potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport bit-triq.

Minkejja d-diskussjonijiet dwar dawk li huma elementi essenzjali għas-Slovakkja, il-formulazzjoni finali tar-Regolament mill-perspettiva tagħna ma tġibitx. Għaldaqstant ma nistgħux nappoġġaw it-test finali maqbul fir-Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956."

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 2:**

**Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-PAK fir-rigward tal-istandards tal-KAAT u aspetti oħra relatati mas-simplifikazzjoni**

*Adozzjoni tal-att leġislativ*

*Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE*

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Il-Gvern Federali jiddikjara uffiċjalment li l-Ġermanja tqis ukoll li huwa neċessarju li jitnaqqas il-piż tal-burokrazija fuq l-bdiewa u tappoġġa wkoll arranġament permanenti għall-KAAT 8. Madankollu, il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward ma għandhomx jimminaw l-oġettivi tal-politika tal-UE, jiġifieri l-Patt Ekoloġiku, u l-passi meħuda sa issa b'rabta mal-appoġġ tal-UE għall-agrikoltura biex tiġi ttrasformata s-sistema agroalimentari. It-tnaqqis tal-istandards assoċjati ma' xi proposti tal-Kummissjoni jdgħajfu l-PAK bħala strument ewlieni Ewropew għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku jekk ma jittieħdu l-ebda miżuri ta' akkumpanjament, b'mod partikolari biex jiġu ppreservati l-ambizzjonijiet fil-qasam tal-bijodiversità."

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 4:**

**Tiġdid tar-Regolament dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna**  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-monitoraġġ tal-importazzjoni taċ-ċereali mill-Ukrajna fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament 2024/xxxx<sup>5</sup>**

"Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fixklet il-ktajjen tal-provvista li kienu jeżistu. L-UE qed tipprovd i appoġġ lill-Ukrajna biex terġa' tibda l-fluss normali taċ-ċereali u ta' oġġetti oħra, speċjalment permezz tal-korsiji ta' solidarjetà, u biex tiżgura li l-esportazzjonijiet taċ-ċereali jkunu jistgħu jaslu fid-destinazzjoni tagħhom, inkluż b'mod partikolari fi swieq terzi, biex tappoġġa s-sigurtà globali tal-ikel.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tgħin lill-Ukrajna filwaqt li tippreserva wkoll l-interess tal-produtturi taċ-ċereali tal-UE u tiżgura funzjonament xieraq tas-suq taċ-ċereali fl-UE.

Minħabba l-importanza tal-produzzjoni taċ-ċereali u s-swieq taċ-ċereali, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-importazzjonijiet taċ-ċereali, b'mod partikolari l-qamħ, u speċjalment lill-konċentrazzjoni ta' tali importazzjonijiet fl-Istati Membri ġirien tal-Ukrajna. Fid-djalogu regolari tagħha mal-Ukrajna, il-Kummissjoni se tindirizza kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ. Il-Kummissjoni tfakkar li l-importazzjonijiet mill-Ukrajna jistgħu jkunu soġġetti għal sorveljanza skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet, li tista' tkun fil-forma ta' liċenzjar tal-importazzjoni, jekk ix-xejra fl-importazzjonijiet thedded li tikkawża dannu lill-produtturi tal-Unjoni u jekk l-interessi tal-Unjoni jirrikjedu dan. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tuża l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha f'każ ta' bżonn. Il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta regolarment lill-Istati Membri dwar l-eżiti tad-djalogu regolari mal-Ukrajna.

Għall-prodotti koperti mill-miżuri kummerċjali awtonomi, il-Kummissjoni tfakkar li r-Regolament jipprevedi wkoll mekkaniżmu ta' salvagwardja msaħħaħ. Għall-ewwel darba, il-Kummissjoni introduċiet il-possibbiltà u hija lesta li tattiva dan il-mekkaniżmu f'każ ta' effetti avversi fuq is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar u mhux biss għas-suq tal-UE kollu kemm hu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tuża bis-sħiħ is-setgħat tagħha biex tibda ex officio l-mekkaniżmu ta' salvagwardja msaħħaħ għall-importazzjonijiet tal-qamħ mill-Ukrajna.

Il-Kummissjoni tfakkar li fl-2022 u fl-2023 hija adottat miżuri biex tappoġġa lill-bdiewa Ewropej fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari fl-Istati Membri ġirien tal-Ukrajna."

---

<sup>5</sup> ĠU, jekk jogħġbok daħħal in-numru għal 2024/0028 (COD).

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-Proċess ta' Rieżami skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament 2024/xxxx<sup>6</sup>**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, hekk kif il-miżuri kummerċjali awtonomi l-ġodda jiġu adottati mill-koleġislaturi, hija se tiegħu l-passi meħtieġa skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex issegwi, permezz ta' konsultazzjonijiet mal-Ukrajna, il-proċess ta' liberalizzazzjoni reċiproka tat-tariffi.

Il-Kummissjoni se tinvolvi mill-qrib lill-Parlament Ewropew u se żżommu aġġornat dwar il-progress ta' dawk il-konsultazzjonijiet mal-Ukrajna. Il-Kummissjoni se tagħti l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kummenti possibbli tal-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward.

Il-Kummissjoni tfakkar li dawn il-modalitajiet ta' ħidma ma jikkostitwixxux preċedent għal klawżoli ta' rieżami fi kwalunkwe ftehim ieħor u ma jiddevjawx mill-Artikolu 218 TFUE.

Ir-riżultat ta' dan il-proċess se jipprovdi ċertezza ekonomika u kummerċ stabbli kemm għall-Ukrajna kif ukoll għall-UE, għall-bdiewa u għan-negozji. Dan se jkun ukoll pass importanti għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u għall-integrazzjoni ulterjuri fis-suq intern tal-UE, bħala parti mill-adeżjoni futura tal-pajjiż mal-Unjoni."

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL**

"Il-Kummissjoni ppreżentat dikjarazzjoni dwar il-Proċess ta' Rieżami skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament 2024/xxx li tindika li, hekk kif tiegħu l-passi meħtieġa skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex twettaq il-proċess ta' liberalizzazzjoni reċiproka tat-tariffi, hija se tinvolvi mill-qrib lill-Parlament Ewropew u żżommu infurmat dwar il-progress tal-konsultazzjonijiet mal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li ser tqis kif xieraq il-kummenti possibbli tal-Parlament Ewropew f'dak ir-rigward.

Il-Kunsill ifakkar li dan il-proċess għandu jitwettaq f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 TFUE, b'mod partikolari l-paragrafu 9. L-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew f'dan il-proċess, kif deskritt fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, mhuwiex previst fl-Artikolu 218 TFUE u jwassal għal modifika tal-bilanċ istituzzjonali li jirriżulta mit-Trattati.

F'dan il-kuntest, kif indikat fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-Ftehim Qafas bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (2010/C 287/01), il-Kunsill ser jippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja kwalunkwe att jew azzjoni tal-Parlament Ewropew jew tal-Kummissjoni mwettqa b'applikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li jkollhom effett li jmur kontra l-interessi tal-Kunsill u l-prerogattivi mogħtija lilu mit-Trattati."

---

<sup>6</sup> ĠU, jekk jogħgħbok daħħal in-numru għal 2024/0028 (COD).